MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 854/2004

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Camilleri**
**Vs**
**Mario Mallia u b'digriet tat-Tribunal ta l-24 ta Marzu 2006**
**gie kjamat in kawza Motor Omnibus Pool**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta April 2004, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm853.98) rapprezentanti valur ta danni kkagonati fil-vettura numru KAP 872 proprjeta tal-assikurat Joseph Camilleri meta l-konvenut habat go fiha bil-vettura misjuqa minnu numru DBY 363 f'incident stradali li sehh nhar is-7 ta Ottubru 2002 gewwa l-Msida ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata Dicembru tas-sena 2003 u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz a tanur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta Malta u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li permezz ta digriet ta dan it-Tribunal datat 24 ta Marzu 2006, kienet giet kjamata in kawza is-socjeta Omnibus Pool li ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta;

Ra li permezz ta nota prezentata fis-16 ta Gunju 2006 is-socjeta attrici cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenut Mario Mallia u ghalhekk it-Tribunal ser jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex dirigenti tas-socjeta kjamat in kawza twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata legalment is-socjeta kjamata in kawza naqset u ma deheritx la fis-seduta tas-16 ta Gunju 2006, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta kjamata in kawza thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta tmien mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm853.98) bl-imghaxijiet legali dekorribbli minn notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess socjeta kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------